

32006R0122

26.1.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 22/3

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 122/2006****tat-23 ta' Jannar 2006****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 74/2004 li jimponi dazju protettiv definittiv fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tal-qoton li toriġina mill-Indja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet issussidjati minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea<sup>1</sup> (ir-"Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2004 tat-13 ta' Jannar 2004 li jimponi dazju protettiv definittiv fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tal-qoton li toriġina mill-Indja<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

---

<sup>1</sup> ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

<sup>2</sup> ĠU L 12, 17.1.2004, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2143/2004 (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 1).

Billi:

### A. PROCĊEDURA PREĊEDENTI

- (1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 74/2004, il-Kunsill impona dazju protettiv definittiv fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' bjankerija tas-sodda tal-qoton li taqa' taħt il-kodiċi NM ex 6302 21 00 (kodiċi TARIC 6302 21 00 81, 6302 21 00 89), ex 6302 22 90 (kodiċi TARIC 6302 22 90 19), ex 6302 31 00 (kodiċi TARIC 6302 31 00 90) u ex 6302 32 90 (kodiċi TARIC 6302 32 90 19), li toriġina mill-Indja. Minħabba n-numru kbir ta' partijiet li qegħdin jikkooperaw, intagħżel kampjun tal-produtturi esportaturi Indjani u ġew imposti rati ta' dazju individwali li jvarjaw minn 4,4% sa 10,4% fuq il-kumpanniji inklużi fil-kampjun, filwaqt li kumpanniji oħrajn li qegħdin jikkooperaw li m'humiex inklużi fil-kampjun ġew attribwiti rata ta' dazju ta' 7,6%. Ġiet imposta rata ta' dazju ta' 10,4% fuq il-kumpanniji li jew ma għamlux lilhom infushom magħrufin jew li ma kkooperawx fl-investigazzjoni.
- (2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004 jistipula li fejn kwalunkwe produttur esportatur ġdid fl-Indja jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li huwa ma esportax lejn il-Komunità l-prodotti deskritti fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament matul il-perijodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Ottubru 2001 sat-30 ta' Settembru 2002) (l-"ewwel kriterju"), li m'huwiex relatat ma' xi esportatur jew produttur fl-Indja li huwa soġġett għall-miżuri kontra s-sussidji imposti b'dak ir-Regolament (it-"tieni kriterju") u li huwa fil-fatt esporta lejn il-Komunità dawk il-prodotti kkonċernati wara l-perijodu ta' investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lejn il-Komunità (it-"tielet kriterju"), allura l-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament jista' jiġi emendat billi l-produttur esportatur ġdid jingħata rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li qegħdin jikkooperaw li m'humiex inklużi fil-kampjun, jiġifieri 7,6%.

- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2143/2004<sup>1</sup> żied ħmistax-il kumpannija mal-lista ta' esportaturi/importaturi Indjani elenkati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 74/2004.

### **B. TALBIET TA' ESPORTATORI/PRODUTTURI ĠODDA**

- (4) Tlettax-il kumpannija Indjana applikaw sabiex jingħataw l-istess status ("status ta' applikant ġdid") bħal dak tal-kumpanniji li jikkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali mhux inklużi fil-kampjun.
- (5) Erbgħa mill-kumpanniji Indjani li talbu status ta' applikant ġdid ma weġbux kwestjonarju u waħda ma pprovdietx informazzjoni supplimentari mitluba wara li kienet ippreżentat twegħiba mhux kompleta għall-kwestjonarju. Għaldaqstant, ma kienx possibbli li jiġi vverifikat jekk dawn il-kumpanniji sodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004, u t-talbiet tagħhom kellhom jiġu rrifjutati.
- (6) It-tmien kumpanniji l-oħra wiegħbu l-kwestjonarju li kien maħsub sabiex jivverifika jekk huma kkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004.
- (7) L-evidenza pprovduta minn ħamsa mill-esportaturi/produtturi Indjani msemmin hawn fuq hija meqjusa biżżejjed biex tingħatalhom ir-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li qegħdin jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun (jiġifieri 7,6%) u konsegwentament sabiex dawn jiġu miżjudin fil-lista ta' esportaturi/produtturi fl-Anness (l-"Anness") għar-Regolament (KE) Nru 74/2004.
- (8) Fir-rigward tat-tliet esportaturi/produtturi Indjani l-oħrajn, tnejn esportaw il-prodott konċernat lejn il-Komunità matul il-perijodu ta' investigazzjoni oriġinali (jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2001 sat-30 ta' Settembru 2002) u wieħed ma kienx kapaċi jipprovidi ebda evidenza li ma esportax lejn il-Komunità matul il-perijodu ta' investigazzjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 370, 17.12.2004, p. 1.

- (9) F'dawn iċ-ċirkostanzi, ġie meqjus li għat-tliet kumpanniji li saret referenza għalihom hawn fuq, għall-inqas wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004, jiġifieri, l-ewwel kriterju, ma ġiex sodisfatt. Għaldaqstant, il-pretensjonijiet tagħhom kellhom jiġu rifjutati.
- (10) Kumpanniji li għalihom ma ngħatax status ta' applikant ġdid ġew informati bir-raġunijiet ta' din id-deċiżjoni u ngħataw l-opportunità li jwasslu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub.
- (11) L-argumenti u s-sottomissjonijiet kollha magħmulin mill-partijiet interessati ġew analizzati u meqjusin kif dovut fejn dan kien meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kumpanniji li ġejjin għandhom jiġu miżjuda mal-lista ta' esportaturi/produtturi mill-Indja elenkati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 74/2004:

Alok Industries Limited	Mumbai
Texel Industries	Chennai
Textrade International Private Limited	Mumbai
Welspun India Limited	Mumbai
Yellows Spun and Linens Private Limited	Mumbai

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Jannar 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**J. PROLL**

---